MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' April, 2023

Appell Inferjuri Numru 99/2021 LM

**Roberto Carlos Calleja (K.I. 457087M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Carmel u Maria konjuġi Zammit**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Carmel (K.I. 557764M) u Maria konjugi Zammit**, [hawnhekk 'l-appellanti'], minn sentenza *in parte* tal-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tal-24 ta' Novembru, 2022 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi huwa m'għandu l-ebda kompetenza jieħu konjizzjoni u jiddeċiedi materji ta' natura kostituzzjonali kif senjalati fir-rikors tal-intimati tal-11 t'Awwissu, 2022; u konsegwentement ċaħad it-talba tal-intimati konjugi Zammit sabiex il-Bord

jordna li ssir referenza kostituzzjonali u li jiġu sospiżi l-proċeduri quddiem il-Bord pendenti l-eżitu tal-istess referenza.

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent **Roberto Carlos Calleja (K.I. 457087M)** [hawnhekk 'l-appellat'] spjega li huwa proprjetarju tal-appartament numru tlieta (3), formanti parti minn blokka bin-numru 110, Triq il-Punent, il-Belt Valletta [minn issa 'il-fond'], u l-intimati kienu akkwistaw dan il-fond b'titolu ta' ċens temporanju *ai termini* ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin tad-19 ta' Lulju, 1985, għal perijodu ta' wieħed u għoxrin sena, liema perijodu beda jiddekorri fil-25 ta' Frar, 1985, biċ-ċens ta' LM72 fis-sena (ekwivalenti għal €167.76). Ir-rikorrenti spjega li mat-terminazzjoni taċ-ċens, it-titolu tal-intimati ġie kkonvertit f'wieħed ta' kera abbażi tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-kera li qegħda titħallas mill-intimati ma tirrispekkjax il-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ. Ir-rikorrent għalhekk talab li l-kera tiġi riveduta abbażi tal-artikolu 12B(2) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u talab ukoll lill-Bord jimponi dawk il-kundizzjonijiet l-oħra li jidhirlu xierqa, u dan abbażi tal-artikolu 12B tal-Kap. 158.

**Mertu**

3. L-Awtorità tad-Djar bħala *amicus curiae,* eċċepiet li r-rikorrent għandu jipprova t-titolu tiegħu fuq il-fond, u l-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXVII tal-2018 għandux japplika fil-każ odjern. L-Awtorità tad-Djar qalet ukoll li filwaqt li hija għandha dritt li tipparteċipa f'dawn il-proċeduri, hija m'għandhiex

tbati spejjeż. Qalet ukoll li f'każ li jirriżulta li l-intimati jissodisfaw it-test tal-mezzi stabbilit mil-liġi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-proprjetà, skont il-kriterji stabbiliti bil-liġi, li jieħdu konsiderazzjoni tal-età u l-mezzi tal-inkwilin u tal-isproporzjon li jkun qiegħed isofri s-sid.

4. L-intimati eċċepew li r-rikorrent għandu jipprova t-titolu tiegħu fuq il-fond, u dan għaliex il-fond ilu fil-pussess tagħhom u tal-familja tagħhom għal aktar minn ħamsa u tletin sena, filwaqt li ċ-ċens u l-kirjiet dovuti dejjem ġew aċċettati mis-sidien. L-intimati eċċepew ukoll li r-rikorrent kellu jipprovdilhom id-dettalji personali tiegħu għaliex kien hemm xi diffikultajiet biex jinnotifikawh biċ-ċedoli ta' depożitu u b'atti ġudizzjarji oħra. L-intimati eċċepew ukoll li r-rikorrent ma kellux jintavola r-rikors tiegħu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera iżda quddiem qorti diversa. L-intimati qalu wkoll li meta r-rikorrent akkwista l-fond, huwa kien jaf għal xiex kien dieħel, u huma ilhom aktar minn ħamsa u tletin sena jgħixu u jieħdu ħsieb tal-fond, u jagħmlu l-manutenzjoni neċessarja, u huma dejjem osservaw, obdew u qagħdu għal dak kollu li tipprovdi l-liġi.

5. L-intimati konjugi Zammit qajmu kontro-talba, fejn ippremettew li l-Bord li Jirregola l-Kera huwa Bord imwaqqaf taħt il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u li tul is-snin li matulhom huma kienu qegħdin jgħixu fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, huma dejjem ħadu ħsieb il-fond, u żammewh fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. L-intimati qalu li għalhekk issa għandu jkun ir-rikorrent li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż maħruġa minnhom tul dawn is-snin kollha. L-intimati rikonvenjenti qalu wkoll li r-rikorrent kien konxju mija fil-mija għal liema obbligi kien dieħel, u dan stante li huwa akkwista l-fond wara li l-Qorti ordnat il-bejgħ

tiegħu b'liċitazzjoni, u dan meta l-intimati kienu ilhom jgħixu fil-fond u jimxu mad-dettami tal-liġi skrupulożament. Qalu wkoll li r-rikorrent rikonvenut kien iddikjara li l-fond għandu valur ta' €25,000 u li kien mikri lil terzi. L-intimati rikonvenjenti ppremettew ukoll li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) f'sentenza li tat fl-ismijiet **Roberto Carlos Calleja *vs.* l-Avukat Ġenerali u Carmel u Maria konjugi Zammit** fid-29 ta' Ottubru, 2020, iddikjarat li l-konjugi Zammit qatt m'għamlu xejn illegali u li dejjem osservaw il-liġijiet. Permezz tal-kontro-talba tagħhom, l-intimati rikonvenjenti talbu lill-Bord jiddikjara li huwa m'għandux il-kompetenza biex jiddetermina l-każ għaliex l-intimati kienu ntrabtu kuntrattwalment meta ħadu l-pussess tal-fond f'idejhom sitta u tletin sena qabel, u għalhekk l-ewwel materja li trid tiġi determinata hija jekk ir-rabtiet kontrattwali bejn il-partijiet jistgħux jiġu invalidati jew le. Fit-tieni lok, l-intimati talbu lill-Bord jiddikjara li r-rikorrent daħal minn jeddu għal din ir-rabta legali permezz tal-akkwist ta' dan il-fond, kien jaf għal xiex kien dieħel u għalhekk ried jaċċetta l-legalità u l-fatti li huwa b'mod ħieles intrabat magħhom. Fit-tielet lok, l-intimati qalu li r-rikorrent irid jipproduċi d-dokumentazzjoni kollha li wasslitu biex jallega li huwa s-sid tal-fond, u r-rikorrent għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li ħarġu l-intimati tul is-snin sabiex iżommu l-fond fi stat tajjeb, u dan meta s-sidien preċedenti qatt ma kkontribwew għal dawn l-ispejjeż. L-intimati rikonvenjenti qalu wkoll li huma għandhom dritt jagħmlu talbiet għal referenzi kemm għall-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll għall-Qorti Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, u għall-Qorti tal-Ġustizzja ġewwa l-Lussemburgu, sabiex jiġi mrażżan dan l-abbuż tar-rikorrent, u r-rikorrent għandu jiġi mġiegħel jagħmel tajjeb

għall-ispejjeż ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji kollha li qegħdin ikunu kostretti jagħmlu l-intimati.

6. Ir-rikorrent rikonvenut wieġeb li t-talbiet rikonvenzjonali tal-intimati huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li dawn huma intiżi sabiex itawlu il-proċeduri odjerni inutilment. Ir-rikorrent qal fl-ewwel lok li l-intimati ma jistgħux jużufruwixxu ruħhom minn kontro-talba fil-proċeduri odjerni għaliex l-azzjoni *ai termini* tal-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta hija azzjoni speċjali intiża biss biex tiġi riveduta l-kera pagabbli f'dawk il-kirjiet li jkunu saru qabel Ġunju 1995. Qal li l-Bord f'din l-azzjoni għandu biss is-setgħa li minbarra deċiżjonijiet dwar punti proċedurali, jagħmel it-test tal-mezzi tal-inkwilini u jistabbilixxi l-kera li għandha tibda tiġi mħallsa mill-inkwilini, jew alternattivament jordna li l-fond jiġi vakat fi żmien sentejn. Ir-rikorrent rikonvenut qal ukoll li minn eżami tat-talbiet rikonvenzjonali tal-intimati jidher li dawn mhumiex talbiet, iżda replika tal-eċċezzjonijiet mogħtija minnhom, u l-unika waħda mit-talbiet rikonvenzjonali li tista' titqies bħala tali, hija r-raba' talba fejn l-intimati qegħdin jitolbu kumpens għall-ispejjeż li għamlu matul is-snin. Ir-rikorrent rikonvenut qal li anki din it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż, għaliex l-intimati m'għandhom l-ebda dritt ta' kumpens kif qegħdin jippretendu. Żied jgħid li oriġinarjament il-fond kien ingħata lill-intimati b'titolu ta' ċens temporanju, u meta skada ċ-ċens, it-titolu tagħhom ġie kkonvertit f'kera, u kien obbligu tal-intimati li jżommu l-fond fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, mhux biss fil-kwalità tagħhom ta' ċenswalisti, imma anke bħala inkwilini.

7. Ir-rikorrent ippreżenta rapport imħejji mill-**Perit Elena Borg Costanzi,** li sar fit-12 ta' Jannar, 2018, fejn ġie kkonstatat li l-valur lokatizju tal-fond preżentement jammonta għal €9,600 fis-sena, filwaqt li kieku l-fond jiġi *'refurbished to good standards'*, il-valur lokatizju tiegħu jiżdied għal €14,200 fis-sena.

8. Il-Bord fis-16 ta' Lulju, 2021 ta digriet li permezz tiegħu l-intimati ntalbu jippreżentaw dokumentazzjoni sabiex ikun jista' jsirilhom it-test tal-mezzi. Il-Bord ħatar ukoll żewġ Membri Tekniċi sabiex jirrelataw dwar il-fond u l-valur tiegħu. Mir-rapport imħejji mill-Membri Tekniċi tal-Bord **il-Perit Hector Zammit** u **l-Perit Leonard Zammit**, ġie kkonstatat li l-fond għandu servizzi funzjonabbli, minkejja li l-fond huwa wieħed antik b'soqfa tax-xorok u travi tal-ħadid, u s-soqfa huma mgħottija kollha bis-suffett, ħlief għall-kċina li hija miksija b'kisja siment ħoxna. Qalu wkoll li b'mod ġenerali l-fond huwa abitabbli u f'kundizzjoni relattivament tajba, minkejja li ċerti finituri fuq il-post jirrikjedu tibdil jew titjib sabiex jitqiesu li huma aċċettabbli għall-i*standards* tal-lum. Il-Membri Tekniċi tal-Bord ikkonstataw ukoll li l-fond igawdi veduti tal-Port ta' Marsamxett u Tigné Point. Qalu li l-valur tal-fond fis-suq miftuħ huwa ta' €320,000.

9. Quddiem il-Bord ġiet ippreżentata kopja tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Ottubru, 2020 fl-ismijiet **Roberto Carlos Calleja *vs.* L-Avukat Ġenerali et**, fejn il-Qorti ddeċidiet li hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti *qua* sid tal-fond, u li l-artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u ddikjarat li l-intimati konjugi Zammit ma jistgħux jistrieħu iżjed fuq id-

disposizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Kap. 158 biex jibqgħu joqogħdu fil-fond mertu tal-kawża; u ordnat lill-Avukat tal-Istat iħallas is-somma ta' €22,000 bħala kumpens pekunjarju u non-pekunjarju lir-rikorrent minħabba fil-ksur imġarrab minnu. Din is-sentenza ġiet appellata, u permezz ta' sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2021, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li l-kumpens li għandu jitħallas mill-Avukat tal-Istat lir-rikorrent għandu jkun ta' €5,540, filwaqt li kkonfermat il-kumplament tas-sentenza mogħtija fil-prim'istanza.

10. Fl-*affidavit* tiegħu, ir-rikorrent spjega li huwa s-sid tal-fond, li jinsab mikri lill-intimati Carmel u Maria konjugi Zammit. Spjega li oriġinarjament dan il-fond kien jappartjeni lil missieru Ettore Calleja u lil ħutu, u kienu huma li ttrasferew il-fond b'titolu ta' enfitewsi temporanja lill-intimati. Ir-rikorrent spjega li meta skada dan iċ-ċens fil-25 ta' Frar, 2006, it-titolu tal-intimati ġie kkonvertit f'wieħed ta' kera u għalhekk l-intimati bdew iħallsu kera fl-ammont ta' €180. Ir-rikorrent qal li wara l-mewt ta' missieru, huwa kien ippreżenta rikors għad-diviżjoni tal-proprjetà miżmuma in komun, u fit-8 ta' Mejju, 2013 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat sentenza, fejn ordnat il-bejgħ tal-proprjetà b'liċitazzjoni, sakemm eventwalment il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri ġie liberat favur tiegħu. Ir-rikorrent qal li wara li akkwista l-fond in kwistjoni, kien talab lill-intimati Zammit ituh aċċess għall-fond sabiex il-Perit Elena Borg Costanzi tkun tista' tagħmel ir-rapport tagħha dwar l-istat tal-fond. Ir-rikorrent qal li l-kera li qegħda titħallas mill-intimati hija irriżorja, u kien minħabba fid-diskrepanza bejn il-kera li qegħda titħallas mill-intimati u l-kera skont is-suq li huwa fetaħ proċeduri kostituzzjonali dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu bħala sid tal-fond. Ir-rikorrent qal li wara li akkwista l-fond, huwa ma baqax jaċċetta l-kera, u l-intimati bdew jiddepożitaw il-kera taħt l-awtorità tal-Qorti, filwaqt li

dawn fl-ebda ħin ma kkontestaw it-titolu tiegħu bħala s-sid tal-fond, tant hu hekk li ċ-ċedoli saru kollha kontra tiegħu.

11. Fil-11 t'Awwissu, 2022, l-intimati ppreżentaw rikors quddiem il-Bord, fejn ippremettew li mill-atti tal-kawża għandu jirriżulta li huma ilhom jirrisjedu fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri għal diversi snin, u li huma dejjem osservaw l-obbligi tagħhom, fosthom il-ħlas puntwali tal-kera. Qalu li r-rikorrent kien ġie Malta diversi snin wara li huma bdew jirrisjedu fil-fond, u meta r-rikorrent għamel proċeduri legali sabiex ikun jista' jakkwista il-fond, kien jaf biċ-ċirkostanzi legali ta' din ir-residenza unika u ordinarja li għandhom l-intimati. L-intimati spjegaw li huma ffirmaw kuntratt sabiex saru inkwilini tal-fond taħt kundizzjonijiet speċifiċi, inkluż l-ammont tal-kera u l-modalità tal-ħlas, u huma dejjem osservaw ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet tal-kirja. L-intimati qalu li t-test tal-mezzi rikjest mir-rikorrent huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tagħhom, u qalu li l-Bord li Jirregola l-Kera m'għandux ġurisdizzjoni jiddetermina u jiddeċiedi dwar dan l-argument bażiku tagħhom. L-intimati qalu li għalhekk huma qegħdin jitolbu li ssir referenza kostituzzjonali sabiex Qorti kompetenti tkun tista' tiddetermina u tisma' dwar dawn il-materji, stante li fil-fehma tagħhom l-artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tagħhom abbażi tal-artikoli 36, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 1 u 8 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. Għal din it-talba, l-Awtorità tad-Djar wieġbet li ladarba l-Bord mhuwiex Qorti, ir-referenza mitluba mill-intimati Zammit ma tistax issir, kif ukoll li tali talba hija waħda frivola u għandha tiġi miċħuda.

13. Ir-rikorrent wieġeb li t-talba tal-intimati hija waħda frivola u vessatorja u intiża biss biex ittawwal il-proċeduri inutilment. Qal li r-rikors tiegħu huwa bbażat fuq l-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-artikolu 4A tal-Kap. 69 m'huwa tal-ebda rilevanza f'dawn il-proċeduri. Ir-rikorrent qal ukoll li mhux minnu li l-intimati għandhom xi kuntratt ta' kera, u huma saru inkwilini tal-fond wara li skadiet il-konċessjoni enfitewtika temporanja li kien hemm qabel. Ir-rikorrent qal li għalhekk it-talba tal-intimati għal referenza kostituzzjonali għandha tiġi miċħuda.

## Is-Sentenza Appellata

14. Permezz tas-sentenza *in parte* mogħtija fl-24 ta' Novembru, 2022, il-Bord iddikjara li m'għandu l-ebda kompetenza li jiddeċiedi materji ta' natura kostituzzjonali kif mitlub mill-intimati fir-rikors tagħhom tal-11 t'Awwissu, 2022, u għalhekk ċaħad it-talba tal-intimati Zammit, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra:***
>
> *Dan il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Malta Industrial Parks Ltd vs Anni 90 Ltd., deċiża fl-14 ta' Diċembru, 2018, fejn intqal is-segwenti, u ċioe:*
>
> 11. Rilevanti huma l-artikoli:-
>
> Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:
>
> "Jekk f'xi proċeduri f'xi **qorti** li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha dak it-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċiment frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-

subartikolu, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont din id-deċiżjoni."

Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 (Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea):

"Jekk f'xi proċedimenti f'xi **<u>qorti</u>** li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-**<u>qorti</u>** għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont din id-deċiżjoni."

12. Iż-żewġ dispożizzjonijiet qegħdin jikkontemplaw sitwazzjonijiet fejn fi proċedimenti f'xi **qorti** li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali "tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi dritt fundamentali, u jipprovdu li f'tali każ, dik il-**"qorti"**għandha (kemm-il darba jidhrilha li t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx waħda frivola jew vessatorja) tirreferi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

13. Apparti l-kwistjoni dwar jekk il-Bord jikkwalifikax bħala **qorti**, ma jidhirx li fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2018 il-konvenuta talbet lill-Bord sabiex jordna riferenza. Dan hu evidenti wkoll mis-sentenza li ta l-Bord li ma fehemx l-argument tad-difensur tal-appellanti, bħala talba sabiex il-Bord jordna riferenza tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi.

14. F'kull każ jidher li l-ġurisprudenza hi fis-sens li l-Bord mhuwiex "qorti" għall-finijiet tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "**Kummissarju tal-Artijiet *vs* Ignatius Licari"** deċiża fit-30 ta' Ġunju, 2004 qalet li l-<u>Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet</u> mhux "qorti" għall-finijiet tal-artikoli 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319:

"... hemm żewġ interpretazzjonijiet li jistgħu jingħataw lill-kelma "qorti" – waħda li tillimita din il-kelma għal dawk l-organi li jiffurmaw parti mill-istruttura ġudizzjarja ordinarja (u li huma dejjem presjeduti minn Imħallef jew Maġistrat) u oħra li testendi din il-kelma għal kull organu (li jista' jissejjaħ anke "tribunal", "bord", "kummissjoni", "panel", eċċ) li għandu ċerta funzjoni aġġudikanti simili għal dik ta' organu li jissejjaħ "qorti" u li jifforma parti mill-istruttura ġudizzjarja ordinarja kif ingħad. **<u>Però wieħed ma jistax jargumenta li, għax tali organu għandu l-istess funzjoni simili għal dik ta' "qorti" allura dak l-organu hu "qorti" għall-fini tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu korrispondenti tal-Kap. 319</u>**.

...

... din il-Qorti tafferma li l-qrati li l-leġislatur qed jirreferi għalihom fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (moqri fid-dawl kemm tal-Artikolu 47(1) kif ukoll tad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni), kif ukoll fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 li ġie meħud testwalment mill-Kostituzzjoni, huma, fil-kamp ċivili, il-Qorti Ċivili, il-Qorti tal-Appell u l-Qorti Kostituzzjonali kwantu qrati superjuri, u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kwantu Qrati Inferjuri; u fil-kamp penali il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għal dak li huma qrati inferjuri, u l-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali għal dak li huma qrati superjuri. Il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet la jista' jiġi kkunsidrat bħala qorti superjuri u lanqas bħala qorti inferjuri f'dan is-sens; u għalhekk l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 ma japplikawx għalih."

15. Hekk ukoll fil-kawża fl-ismijiet **"Anthony Grech vs Claire Calleja"** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Frar, 2009 kien deċiż li għall-finijiet tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar mhuwiex "qorti".

*Dan il-Bord jaqbel ma' dawn l-insenjamenti fuq riferiti u għalhekk ma jistax jagħmel referenza lil xi Qorti kompetenti kif qed jippretendu l-intimati, u dan stante li dan il-Bord ma jistax jiġi kkunsidrat bħala qorti superjuri jew qorti inferjuri, u dan minkejja li għandu ċertu setgħat tal-qrati superjuri però ċertament mhux l-istess kompetenzi. Illi li kieku dan il-Bord għandu l-istess kompetenzi tal-qrati superjuri, kif isostnu l-intimati, allura jkun ifisser ukoll li għandu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi lanjanzi kostituzzjonali, ħaġa li żgur m'għandux, tant li l-intimati qegħdin proprju jitolbu biex jagħmel ir-referenza mitluba.*

*Għaldaqstant, dan il-Bord filwaqt li jiddikjara li m'għandu ebda kompetenza jieħu konjizzjoni u jiddeċiedi materji ta' natura kostituzzjonali kif senjalati fir-rikors tal-11 t'Awwissu, 2022, qiegħed jiċħad it-talba tal-intimati konjugi Zammit sabiex l-istess Bord jordna li ssir referenza kostituzzjonali u li jiġu sospiżi dawn il-proċeduri pendenti l-eżitu tal-istess referenza."*

## L-Appell

15. L-intimati ħassewhom aggravati b'din is-sentenza *in parte* mogħtija mill-Bord, u għalhekk ressqu r-rikors tal-appell tagħhom minnha permezz ta' rikors tal-appell intavolat fit-12 ta' Diċembru, 2022, fejn talbu lil din il-Qorti tiddikjara

li l-Bord li Jirregola l-Kera kif imwaqqaf bil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa Qorti bis-setgħat kollha proċedurali li għandhom il-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta kollha, u għandu jiġi meqjus u kkonsidrat bħala Qorti; li l-Bord għandu s-setgħat u l-kompetenzi li jawtorizza u jippermetti li jsiru referenzi kostituzzjonali anke fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet kontendenti, kif ġara fil-każ odjern; li f'każ li jiġi deċiż li t-talba għal referenza kostituzzjonali tintlaqa', tordna li l-proċeduri pendenti quddiem il-Bord jiġu sospiżi, u dan sakemm jiġu determinati definittivament il-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali; tagħti dawk id-direttivi, struzzjonijiet, linji legali ġudikanti, rakkomandazzjonijiet, ordnijiet u suġġerimenti oħra li din il-Qorti jidhrilha li għandha tagħti, u l-appellanti ma jintalbu jagħmlu tajjeb għall-ebda spejjeż u drittijiet legali għaliex huma kienu kostretti fiċ-ċirkostanzi li jintavolaw dawn il-proċeduri.

16. L-appellanti spjegaw li huma ħassewhom aggravati għaliex il-Bord fis-sentenza tiegħu qal li huwa mhuwiex Qorti, u dan meta l-Bord li Jirregola l-Kera jiffunzjona u jinforza l-proċeduri legali kollha skont il-liġi tagħna bħala Qorti ordinarja, kuntrarjament għal dak li ddeċieda l-Bord. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti qalu li l-Bord li Jirregola l-Kera għandu l-kompetenza fil-parametri tal-Liġijiet ta' Malta li jirreferi każijiet rilevanti u ġustifikabbli lill-Qorti Kostituzzjonali. It-tielet aggravju tal-appellanti huwa marbut mal-fatt li referenza kostituzzjonali minn awtorità legali kompetenti bħal ma hija Qorti jew istituzzjoni simili, timplika li kwalsiasi proċeduri legali pendenti quddiem dik l-awtorità legali għandhom jiġu sospiżi sakemm tiġi definittivament riżolta l-kwistjoni jew is-sottomissjonijiet ta' natura kostituzzjonali. Żiedu jgħidu li dan irid isir minħabba fil-prinċipju li l-ġustizzja trid mhux biss issir, iżda tidher li qed issir.

## Ir-Risposti tal-Appell

17. L-Awtorità tad-Djar wieġbet li hija qegħda tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti, u fi kwalunkwe każ hija m'għandhiex tintalab tbati spejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri.

18. Ir-rikorrent appellat wieġeb li l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju, u konsegwentement għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż. L-appellat qal li l-appell sar bl-uniku skop li l-intimati jkomplu jtawlu l-proċeduri bla bżonn, u sabiex ikomplu jirredikolaw il-proċess ġudizzjarju. Qal li d-digriet tal-24 ta' Novembru, 2022 huwa wieħed ġust u għandu jiġi kkonfermat bl-ispejjeż, u l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li m'għandu jkun hemm ebda appell minn deċiżjoni *ai termini* tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, meta t-talba għar-referenza kostituzzjonali tiġi miċħuda.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

19. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellat. Però qabel xejn, in vista ta' dak eċċepit mill-appellat Calleja fir-risposta tiegħu, il-Qorti trid tissolleva xi punti rigward l-appellabilità tas-sentenza *in parte* mogħtija mill-Bord. L-appellat jgħid li ladarba l-Bord iddeċieda li ma tista' ssir l-ebda referenza kostituzzjonali in segwitu għat-talba li saret mill-intimati f'dak ir-rigward, l-istess intimati ma jistgħux jappellaw minn dik id-deċiżjoni, u dan in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

> "(5) Ma jkunx hemm ebda appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja."

20. Fil-każ odjern il-Bord imkien ma qal li t-talba tal-appellanti għal referenza kostituzzjonali hija waħda frivola jew vessatorja, iżda qal biss li ladarba huwa 'Bord' u mhux 'Qorti', m'għandux il-kompetenza li jagħmel referenzi kostituzzjonali kif mitlub mill-appellanti, u għalhekk ordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża. Għaldaqstant l-eċċezzjoni mogħtija mill-appellat fir-risposta tiegħu ma tistax tintlaqa', u dan għaliex id-deċiżjoni tal-Bord ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex il-Qorti tista' tiddeċiedi li m'għandux ikun hemm appell mid-digriet tal-Bord.

21. Iżda l-Qorti sejra tagħmel riferiment għal aspett proċedurali li jirriżulta li ma ġiex osservat mill-appellanti meta dawn intavolaw appell mid-deċiżjoni parzjali mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jistipula li:

> "(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu f'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum wara li tingħata l-aħħar sentenza u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:
>
> Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi ppreżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ."

22. Il-Qorti tirrileva li wara li eżaminat l-atti, ma jirriżultax li l-appellanti talbu permess lill-Bord qabel intavolaw l-appell tagħhom mis-sentenza *in parte*, tant hu hekk li kien biss wara li l-appellanti reġgħu dehru quddiem il-Bord għat-tkomplija tal-kawża, li dawn talbu differiment għaliex kien ġie intavolat dan l-appell. Hawnhekk il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Curmi et *vs.* Carmelo Attard** et[1], fejn għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Din id-dispożizzjoni ma tħalli l-ebda spazju ta' diskrezzjoni lil din il-Qorti biex taċċetta appelli ta' din ix-xorta li ma jkunux saru skont il-proċedura stabbilita. Il-provvedimenti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma ta' ordni pubbliku u kellhom jiġu rigorożament applikati. Dan ifisser li din il-Qorti ma tistax tarroga għaliha nnifisha diskrezzjoni fejn il-liġi ma tagħtihiex. Ma tistax allura tagħmel ħaġa oħra ħlief li tiddikjara l-proċediment taħt eżami irritu u null."

23. Il-Qorti tirrileva wkoll li ladarba dawn huma regolamenti ta' ordinament pubbliku, hija setgħet *marte proprio* tissolleva nuqqas bħal dan da parti tal-appellanti. Kwistjonijiet ta' ordni pubbliku jistgħu jiġu sollevati mill-Qorti *ex officio,* u dan in omaġġ għall-prinċipju li l-ġustizzja mhux biss trid tiġi amministrata, iżda trid tiġi amministrata sew u skont il-liġi, u għalhekk il-liġi tal-proċedura trid titħares skrupulożament, anke jekk ma ġiet sollevata l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens mill-parti kuntrarja fil-ġudizzju. Kif tajjeb ingħad waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-appellanti għandhom, f'każ li jidhrilhom li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, rimedji oħra għad-disposizzjoni tagħhom, iżda tali rimedju ċertament li ma jistax jingħatalhom billi

---
[1] 16.11.1998.

jappellaw mis-sentenza appellata mogħtija mill-Bord b'dan il-mod. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan l-appell qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, u tordna li l-atti jintbagħtu mill-ġdid quddiem il-Bord sabiex dan ikompli bis-smigħ tal-kawża.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu riservati għas-sentenza finali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**